2025/607

31.3.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/607

tat-27 ta' Marzu 2025

dwar il-ħatra tal-Viċi President u ta' żewġ membri full-time tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 56(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni mill-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Jannar 2025, wara li semgħet lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni ("il-Bord") fis-sessjoni plenarja tagħha, il-Kummissjoni adottat listi mqassra ta' kandidati għall-ħatra tal-Viċi President u ta' żewġ membri full-time tal-Bord u pprovdiethom lill-Parlament Ewropew.Il-Kunsill ġie infurmat bil-listi mqassra fl-istess jum.

(2) Skont l-Artikolu 56(5) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-mandat tal-Viċi President u tal-membri full-time tal-Bord għandu jkun 5 snin.

(3) Fid-19 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni adottat proposta għall-ħatra tas-Sur Miguel CARCAÑO SAENZ CENZANO bħala l-Viċi President tal-Bord u tas-Sinjura Slavka ELEY u tas-Sur Radek URBAN bħala membri full-time tal-Bord (il-"proposta"), u ppreżent il-proposta lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni.

(4) Fil-11 ta' Marzu 2025, il-Parlament Ewropew approva din il-proposta,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Is-Sur Miguel CARCAÑO SAENZ CENZANO huwa b'dan maħtur bħala Viċi President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għal mandat ta' ħames snin mill-1 ta' April 2025.

2. Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura bħala membri full-time tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għal mandat ta' ħames snin mill-1 ta' April 2025:

— Ms Slavka ELEY,

— Is-Sur Radek URBAN.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-27 ta' Marzu 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

P. HENNIG-KLOSKA

([1]) ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/806/oj.